**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 276 / 2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Vincent Frendo**

Illum 25 t'Ottubru 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti Vincent Frendo, ta' 60 sena bin Domenic u Emanuela nee' Grech, imwieled Valletta fit-13/10/1960 u joqghod 88, Dornat, Flat 2, Triq Brared, Birkirkara, ID Card Nru 693360 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar it-22/05/2021, ghall-habta tal-11:10am, gewwa Triq l Imdina, Birkirkara u f' dawn il-gzejjer Maltin;

1. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b' mod iehor lil Charles (Carmelo) Borg,
2. Volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u storbju.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Charles (Carmelo) Borg skont it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f' kaz ta' htija tohrog Ordni ta' Protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna offiza jew individwi ohra skont it-termini tal-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar l-14 ta' Gunju, 2022, fejn il-Qorti wara li rat Artikoli 7, 338 (dd) u 339 (1) (e) sabet lil imputat hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta illiberatu bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil konfront tal-parte civile, Charles (Carmelo) Borg ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qieghda torbot lill-imputat Vincent Frendo b' garanzija personali ta' elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum u dan billi ma' jimmolestax, ma' jddejjaqx u ma' jingurjax lill-parte civile.

Illi ai termini ta' l-Artikolu 22 (3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi, jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu tal-liberta' kundizzjonata.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Vincent Frendo minnu pprezentat fil-21 ta' Gunju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti billi ma ssibux hati tal-akkuza migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull akkuza, htija u piena. Tant ghandu f' jigi sottomess ghall-ahjar apprezzament u gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti ta' Appell Kriminali.

Rat illi l-esponenti qua appellanti hass ruhu serjament aggravat bis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel grad u ghaldaqstant qieghed umilment jinterponi dan l-umli appell fuq is-segwenti aggravvji:

(1) L-EWWEL AGGRAVVJU:

**Illi l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali naqset fl-apprezzament tal-provi illi tinkwadra dan il-kaz fid-dawl tal-akkadut u l-provi mressqa mill-appellant esponenti.**

Illi l-esponenti huwa ben konsapevoli bil-principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Pero' f' dan il-kaz l-esponenti umilment jissottometti fuq il-provi li kellha quddiemha, l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha,

Di fatti kif xehed b' mod lineari l-esponenti appellant, huwa impjegat tat-Trasport Malta bhala Enforcement Officer u dakinhar tal-22 ta' Mejju, 2021 huwa kien qieghed fuq xoghol fi Triq Brared, Birkirkara minn kmieni filghodu

peress li kien qed isiru xi xogholijiet fit-triq mis-socjeta' V&C Contractors Ltd (C-13748), li taghha l-parte civile, Charles (Carmelo) Borg huwa direttur;

Illi rrizulta li dakinhar l-esponenti appellant stazzjona ruhu fil-bidu tat-triq sabiex ikun jista' jidderigi t-traffiku u sabiex ma jkunx hemm perikolu ghas-sewwieqa tal-vetturi li jghaddu min dik it-triq. L-esponenti spjega kif dakinhar kien beda xoghol kmieni filghodu u ghal habta tal-10.30/11.00 ta' filghodu huwa rcieva telefonata minghand is-superjur tieghu isaqsih kienx qieghed on site ghaliex il-kuntrattur kien ilmenta li ma setax jarah. L-esponenti accertah li kien qieghed fuq il-post u peress li l-kuntrattur kien qed jahdem fit-tarf tat-triq l-ohra, fejn kien hemm enforcement officer iehor stazzjonat, huwa kien qieghed jidderigi t-traffiku fit-tarf l-iehor tat-triq;

Illi hekk kif xehed l-appellant esponenti ghal habta tal-11.00 ta' filghodu, l-impjegati tal-kuntratturi kienu qeghdin ressqin lejn u izarmaw il-cones li kien hemm fit-triq u hekk kif raw lill-esponenti appellant, il-parte civile, Charles (Carmelo) Borg infexx jghajjat mal-appellant u jghid "*Ara fejnhu dal-L****" Dak il-hin, l-appellant esponenti talab lill-parte civile igiblu rispett peress li huwa ufficjali pubbliku pero' l-parte civile baqa' jghajjat u jinsulenta lill-appellanti. F' daqqa u l-hin, impjegat li jahdem mad-ditta tal-*parte civile,* certu Shawn Tong, qabad *cone* u beda isawwat lill-esponenti bih, tant li ikkagunalu griehi serji. Mhux talli l-parte civile instiga l-attakk fuq l-appellant izda ma ghamel xejn biex iwaqqaf lill-impjegat tieghu milli jkompli isawwat lill-esponenti meta dan tal-ahhar waqa' fl-art u ma setax jiddefendi ruhu;

Illi l-incident gie irrapurtat fuq il-medja u filmat tal-attakk fuq l-appellant jinsab onlajn. L-ghada tal-incident, Shawn Tong, impjegat tal-parte civile, tressaq il-Qorti taht arrest u huwa ammetta ghall-akkuzi migjuba kontrih inkluz li kkaguna griehi lill-esponenti appellanti;

Illi l-istess impjegat, Shawn Tong, tela' jixhed fil-proceduri li dwarhom qed jitressaq dan l-umli appell, flimkien ma' huh, Marvin Tong u zewg impjegati ohra, Johann Pace u Ryan Mallia u minkejja li lkoll ittentaw jargumentaw li kien l-esponenti li beda l-argument, lanqas kienu kapaci jaqblu fuq id-diskors li ntqal mill-partijiet. Naturalment, l-impjegati tal-parte civile (li lkoll ghadhom impjegati sal-lum) pingew stampa inveritiera tal-akkadut sabiex jipprotegu lill-parte civile. Min naha tieghu, l-esponenti appellant kien lineari fix-xhieda tieghu u ammetta li huwa rrisponda ghat-tghajjir u kliem hazin tal-parte civile;

Illi minkejja dan, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ta' Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali iddecidiet tiskarta x-xhieda kollha tal-esponenti, nkluz il-fatt ben saput illi huwa safa' vittma ta' attakk viljakk fuq il-persuna tieghu;

Illi se mai, certament li minn imkien ma jirrizulta li l-esponenti appellanti kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u storbju;

Ghalhekk bir-rispett kollu, jigi umilment sottorness li jirrizulta li ma kienx hemm bazi sufficjenti ghalxiex l-Ewwel Qorti sabet htija fl-esponenti.

(2) IT-TIENI AGGRAVVJU

**Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghal dak kollu premess, hija l-umli fehma tal-esponenti illi l-piena inflitta kienet wahda sproporzionata u eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz;**

Illi dan qed jinghad kemm fir-rigward tal-ordni taht l-Artikolu 22 tal Kapitolu 446 fejn jissemma terminu ta' sena, kif ukoll ghall-ordni taht l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9;

Illi hija l-umli fehma tal-esponenti illi l-ordni taht l-Artikolu 22 u fuq imsemmi kellha tkun ghal terminu ta' ferm inqas minn sena; kif ukoll illi ma kienx hemm htiega ghal ordni taht l-Artikolu 383 u fuq imsemmi billi fil-mori tal-procedura in Prim' Istanza ma rrizultax li kien hemm xi biza' ta' nuqqas ta' buon ordni jew problemi ulterjuri bejn il-partijiet.

Semghet lill-partijiet jitrattaw ir-rikors u dan fis-seduta tat-13 t'Ottubru 2022.

**Ikkunsidrat,**

Illi fl-ewwl aggravju r-rikorrent appellant isostni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti migbura quddiemha. Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika

Il-Qorti ghalhekk ezaminat mill-gdid il-provi li gew prodotti quddiem l-ewwel Qorti.

Il-Prosekuzzjoni esebiet l-affidavit ta' **PS 3 Kevin Grima** u dan stqarr li nhar it-22 ta' Mejju 2021 ghall-habta tal-11.30 a.m l-ghassa ta' B'Kara giet infurmata mill-Control room li kienu ghadhom kemm gew infurmati li kien hemm ufficcjal ta' Transport Malta li kien ghadu kif gie aggredit minn xi erba' minn nies faccata tal-istabbiliment 'Oxford House' li jinsab fi Triq l-Imdina, B'Kara, it-Taqsima tal- RIU ukoll kienu gew infurmati sabiex jipprocedu fuq il-post.

Konsegwentement, huwa flimkien mal-kollegi tieghu C 100 G Agius u PC 97 S Bonello ipprocedew fuq il-post indikat fejn min naha ta' Triq l-Imriehel kantuniera ma Triq l-Imdina fejn hemm l-akwadott gie osservat li kien hemm membri tat-taqsima tal-RIU li kienu taht id-direzzjoni ta' PS 1010 A Zahra. Hemmhekk gie osservat li kien hemm ukoll ufficcjal ta' Transport Malta fejn gie osservat li kellu griehi fuq ghajnejh il-leminija.

Dan l-ufficcjal irrizulta li kien certu Vincent Frendo u kien qieghed hemm bhala enforcement officer No 43. Mr Frendo sostna li kien jinsab xoghol fi Triq l-Imdina B'Kara quddiem l-akwadott mal-kareggjata li tmur id-direzzjoni lejn Fleur de

ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Lys. Mr Frendo sostna li kien qieghed hemm sabiex jikkontrolla t-traffiku peress li kien qieghed isir xoghol fil-wicc ta' dik il-parti tat-triq, liema xoghol kien qieghed isir mill-kuntrattur V & C contractor Ltd.

EO 43 kopla jirraporta li f'hin minnhom mar trakk ta' l-istess kuntrattur min naha ta' Triq l- Imriehel sabiex jghabbi xi parti tal-gaffa fejn ghalhekk inqala minn fejn kien u mar biex izomm it-traffiku lil dak it-trakk. Mr Frendo kompla sostna li sadanittant cemplulu mill-ufficcju tax-xoghol tieghu fejn staqsewh fejn kien jinsab peress li kien cemplilhom il-kuntrattur u infurmhom li ma kienx hemm. Vincent tenna jirraporta li ghalhekk huwa rega mar f'postu fejn x'hin ra lil kuntrttur (ie Charlie Borg) huwa staqsih ghalfejn kien cempel l-ufficcju biex jirraportah fejn il-kuntrattur qallu li huwa (sur Frendo) dejjem hekk kien jaghmel u qabad joffendih.

Is-sur Frendo ammetta li huwa offendih lura. F'dak il-waqt mar lavrant minn warajh tal-istess kuntrattur certu Shaun fejn tah daqqa ta '*traffic cone*' bil-konsegwenza li huwa waqa' fl-art. Vincent zied jghid ukoll li meta kien ma l-art Shaun u zewg kollegi ohra bdew ituh bis-sieq.

Fuq il-post waslet ukoll l-ambulanza mill-Isptar Mater Dei li hadet lill-imsemmi sur Frendo gewwa l-isptar ghal kura medika necessarja. Ta' min wiehed jirrimarka li mal-wasla tal-pulizija l-kuntrattur u l-lavrant tieghu kienu diga telqu minn fuq il-post.

Sussegwentement huwa ghamel kuntatt mal-imsemmi kuntrattur (Charlie Borg) fejn dan gie mitlub sabiex jghaddi l-ghassa ta' B'Kara. Sadanittant il-control room ghaddew l-ghassa ta' B'Kara filmat ta 'dashcam' ta' vettura li kienu rcievew fuq il-pagna 'Malta Police Force' tas-sit socjali Facebook. F'dan il-filmat Frendo deher jargumenta ma haddiem li kellu flokk ta' lewn ahmar car u f'dak il-waqt

haddiem iehor li kien liebes flokk ta' lewn safrani li kellu *traffic cone* fuq spallejh u kien jinsab wara s-sur Frendo deher imur b'dik it-traffic cone u ta' daqqa fuq in-naha ta' wara tar-ras tas-sur Frendo u bid-daqqa spicca waqa' fl-art. Imbaghad dak l-istess lavrant li kien liebes flokk safrani rega qabad dik it-*taffic cone* u xehtu lejn wicc is-sur Frendo  kif ukoll jidher ixejjirlu daqqa ta' sieq. L-argument deher li waqaf hemmhekk peress li dehru jintervjenu xi nies terzi sabiex jikkalmaw is-sitwazzjoni.

L-Ispettura tal-ghassa tan-Naxxar R Tabone giet infurmata b'dan ir-rapport fejn tat struzzjonijiet sabix dak l-individwu li fil-filmat jidher ixejjer u jitfa t-traffic cone jinzamm arrestat.

Fil-fatt ghall-habta tas-13.15 p.m gie l-ghassa ta' B'Kara l-imsemmi Charlie sive Carmelo Borg fejn gie stabbilit li dak kien l-istess individwu li fil-filmat deher li kien liebes flokk ahmar car. Wara li s-sur Borg gie infurmat bil-kontenut tar-rapport minnu fil-presenza ta' PC 20 K Buhagiar huwa gie infurmat ukoll bid-drittijiet legali tieghu fejn iddikjara li xtaq ikellem lill-avukat tieghu Dr Joe Giglio. Sussegwentement Charles sotna li huma kienu lestew ix-xoghol taghhom u bdew jigbru l-cones biex it-triq terga tinfetah miz-zewg karreggjati. Mr. Borg sostna li huma bdew jigru min naha ta' Fleur de Lys lejn H'Attard kontra d-direzzjoni tat-traffiku. Mr Borg sostna li suppost li kien hemm zewg ufficcjali ta' Transport Malta maghhom fejn wiehed minnhom ma kienx jidher filwaqt li l-iehor kien f'parti tat-triq li ma kellhiex x'taqsam maghhom. Charles kompla sostna li x'hin ra hekk huwa cempel lil wiehed mill-managers tat-Transport Malta (ie Flic) fejn staqsih fejn kienu z-zewg ufficcjali. Mr. Bord ried jirraporta li x'hin kien ghad fadal qisu 200 metru traffic cones tfacca dak l-ufficcjal tat-Transport Malta (sur Frendo) fejn hareg minn taht l-akwadott fejn mija fil-mija kien fil-karozza tieghu. Charles ried jirraporta li huwa qal lil dak l-ufficcjal x'kien qed jaghmel meta huma kienu f'nofs ta' triq biex jifthu t-triq. Mr Borg tenna jghid li dak l-ufficcjal

resaq lejh, jippoppa sidru ma fejn huwa beda jghajjat, ikelmu hazin u joffendih b'ommu u jghidlu diskors bhal li huwa ma kienx l-imghallem tieghu u mhux mbilli rraportah ghax hu kien ala z....

Mr Borg issokta jirraporta li mbaghad Shaun nizel minn got-trakk u x'hin semghu jitkellem b'dak l-imgieba aggressiva l-ufficcjal imbotta lil Shaun u Shaun imbottah lura fejn imbaghad huwa ma ra xejn aktar peress li dawwar wiccu.

Konsegwentement ghall-habta tas-13.40 gie mitkellem l-imsemmi Shaun Tong fejn dan gie infurmat minnu fil-presenza ta' PC 20 K Buhagiar li kien jinsab taht arrest fuq rapport ta' aggressjoni fizika permezz t'oggett iebes (traffic cones). Mr Tong gie avzat ukoll bid-drittijiet tieghu fejn dan ukoll stqarr li xtaq jitkellem mal-avukat tieghu Dr Giglio.

Shaun sostna li huma kienu qeghdin jifthu t-triq minghajr ufficcjali ta' Transport Malta li suppost li kien hemm tnejn maghhom. Shaun stqarr li huma bdew nizlin l-isfel fejn sadanittant l-imghallem tieghu (Carmelo) cempel lill-imghallem ta' Transport Malta u qal li ma kien hemm hadd maghhom. Mr Tong zied jirraporta li kif huma jigifieri hu, l-imghallem Carmelo huh Marvin u Johann nizlu aktar l-isfel hareg dak l-ufficcjal tat-Transport Malta min naha taht l-arkati fejn beda jiftah idejh, jghajjat lil Charlie u jghid kliem oxxen hafna.

Mr Tong zied jghid li x'hin ra hekk huwa nizel minn got-trakk u kif resaq lejn dak l-ufficcjal dak l-ufficcjal imbuttah. Mr Tong temm jghid li mbaghad gara dak li hemm fil-filmat.

Sussegwentement gie mitkellem lavrant iehor u cioe Johan Pace Cauchi fejn bazikament il-verzjoni tieghu kkoroborat ma dik mghotija mill-imghallem tieghu. Johan zied li x'hin dar minn quddiem it-trakk huwa ra lill-ufficcjal ta'

Transport Malta diga ma l-art imma mbaghad Shaun qabad dak it-*traffic cone* u rega wadbu ghal fuq dak l-ufficcjal. Mr Pace temm jghid li mbaghad huwa qabad dak it-*traffic cone* u gibed lil Shaun mieghu. Finalment gie mitkellem lavrant iehor u cioe Marvin Tong fejn bazikament il-verzjoni tieghu kkoroborat ma dik moghtija minn huh (Shaun).

Eventwalment gie stabbilit li Mr Frendo kien gie certifikat minn Dr. Michael Sullivan li kien qed isofri minn griehi ta' natura hafifa salv kumpplikazzjonijiet.

**Sean Tong** xehed nhar l-10 ta' Mejju 2022 u stqarr li nhar it-22 ta' Mejju 2021 kienu qeghdin jahdmu xoghol fit-toroq. Huwa impjegat bhala labourer ma V & C Contractors u kienu qed jigbru l-cones minn taht l-akwadotti l-Mriehel ta' hdejn Farsons. Jaf li kien hemm zewg cones fit-truf izda wiehed minnhom ma kienx hemm u ghalhekk staqsa lill-impjegat ta' Transport Malta dwaru. Dak il-hin jaf li tat-Transport Malta kien cempel lil certu persuna mgharufa bhala Felic. Qal li suppost maghhom fit-triq kien hemm zewg rapprezentanti ta' Transport Malta wiehed f'tarf it-triq u l-iehor fit-tarf l-iehor. Jaf li l-akkuzat appellant kien wiehed minnhom. Qal li mbaghad ra lill-akkuzat hiereg minn taht l-akwadotti jghajjat u jidghi u mar jigri fuq l-imghallem ihabbat sidru ma l-imghallem tieghu Charles Borg. Qal li dan beda jghidlu hafna kliem oxxen fil-konfront ta' Borg. Jaf li dan Frendo habbat sidru ma dak ta' Borg. Beda joffendih b'ommu. Jghid li Charles Borg ma kelmux ipprova jikkalma s-sitwazzjoni Mistoqsi kif kien involut, hu jghid li f'hin minnhom Frendo qal xi kliem lill-imghallem tieghu u hadhom gewwa Qallu *" F.. ommok dik li mietet tobzoq il-bili"* Dak il-hin tah daqqa ta' cone tal-plastic. Qal li mbghad Borg offenda lil Frendo izda bhala rejazzjoni u wara li Frendo kien offendih. Il-kliem li qallu ma jiftakarhomx pero jikkonferma li bdew joffendu lil xulxin. Jghid li huwa daqqa wahda biss tah bil-cone. Wara komplew jigbru l-cones.

**Marvin Tong** xehed nhar l-10 ta' Mejju 2022 u jghid li nhar it-22 ta' Mejju 2021 kienu telghin jigbru l-cones hdejn l-akwadotti tal-Imriehel. Jghid li huwa jahdem ma V&C Contractors bhala labourer. Charles Borg l-imghallem tieghu qallu li suppost kellhom xi hadd tat-Transport Malta hdejhom waqt li qed jigbru l-cones. Charles staqsihom fejn kien ir-rapprezentant ta' Transport Malta u ma kienx jaf qallu li kien ser icempel lil xi hadd Felic li jigi fuq il-haddiema li kellhom ikun hemm prezenti X'hin waslu lejn l-ahhar mija u hamsin metru hareg l-ufficcjal tat-Transport Malta u cioe l-akkuzat appellant. Qal li kien rah hemm iktar kmieni filghodu ghall-habta tas-sitta u nofs. Meta dan Frendo hareg minn taht il-mini Borg staqsih fejn kien u li suppost kien mal-haddiema tieghu. Dan is-sur Frendo nizel minn fuq il-bankina u beda jitwaqqaf naqra, pogga sidru ma sider is-sur Borg u qallu li ma kienx l-imghallem tieghu filwaqt li beda jghajru. Dan beda jghajjat u jghidlu *" F.. kemm ghandek 'l hawn u F.. kemm ghandek 'l hemm. "* Ikkonferma li dan il-kliem ta' Frendo gew indirizzata lis-sur Borg l-imghallem tieghu. Dan beda jipprovoka lil Charles u dan qallu biex ikelmu sew. Jaf li huh tilef il-boxxla meta sema lil Frendo joffendi lill-imghallem tieghu u tah daqqa ta' cone. Dan pero sehh wara li l-akkuzat kien ilu jipprovoka lil Borg. Huma kienu qed jigbru l-cones ghaliex wahda mill-lanes kellha tkun maghluqa. Huma kienu ghalqu l-fast lane u bdew jibzghu li xi hadd ser jolqothom.

**Johann Pace** xehed nhar l-10 ta' Mejju 2022 u jghid li nhar it-22 ta' Mejju 2021 huwa flimkien ma Sean u Marvin Tong kienu qeghdin l-Imriehel wicchom lejn il-karozzi kienu qed jifthu it-triq. Jghid li huwa jahdem ma V&C Contractors fix-xoghol ta' Construction. Meta kwazi kienu lestew ix-xoghol hareg l-akkuzat minn taht il-mini u Borg staqsih fejn kien waqt li huma kienu esposti ghall-perikolu u suppost kien qieghed maghhom. Dak il-hin qabad jigri minn fuq il-bankina u pogga sidru ma sider Borg u qallu *" Ghidli ghidli u toqghodx tiddejjaq."* Beda jghidlu li hu mhux l-imghallem tieghu u li mhux hu ihalsu u li hu " Ala z...minnu" u beda joffendih anke b'ommu li mietet bil-mard. Charles Borg baqa'

miexi u Frendo baqa' miexi warajh joffendih. Huma marru biex jipprovaw iwaqfuh izda beda joffendi lilhom u dan qalilhom biex ma jindahlux u beda ikellimhom ukoll hazin.  X'hin Sean sema lil Frendo joffendi lil Borg ma felahx izjed u qabad u tah daqqa bil-cone.

**Ryan Mallia** xehed nhar l-10 ta' Mejju 2022  u jghid li huwa jokkupa l-kariga ta' HR Manager Transport Malta u esebixa l-*letter of appointment* ta' Vincent Frendo li giet markata bhala dok RM1 fejn hemm dikjarat li Frendo huwa enforcement officer ma Transport Malta.

**Charles Borg** xehed nhar l-10 ta' Mejju, 2021 u jghid li nhar it-22 ta' Mejju 2021 huma kienu lestew ix-xoghol. Kienu ilhom ghaddejjin mis-siegha ta' bil-lejl.  Qal li kienu ghalqu lane minnhom minn fuq s'isfel bil-cones u dan bid-direttiva li kien tahom il-perit. Hallew lane tiffunzjona ghal-kaorzzi u meta lestew bidlu l-lane u ghalqu l-lane l-ohra.  Jghid li kienu ordnaw rappresentanti ta' Transport Malta bix ikunu prezenti izda kienu tawhom biss tnejn.  Dawn kellhom ikunu hemm biex inaqsu l-perikolu u jidderigu t-traffiku. Waqt li kienu qed jigbru il-cones l-akkuzat ma kienx hemm maghhom u ghalhekk hwua cempel lil Felic il-persuna minghand min jordna n-nies u dan qallu li suppost kellu zewg min nies mieghu jghinuh. Felic irrabja u cempel lil dawk ta' Transport Malta li suppost kienu maghhom fit-triq.  Meta kien ghad fadallhom xi mija u hamsin metru ra lill-akkuzat hiereg minn go karozza minn taht il-mini, nizel il-bankina u gibed ghal fuqu  bir-rawa f'halqu ihabbat sidru ma sidru u qallu " li ma kontx li..mort tirraportani" u kompla jghid " F..il-mard li kellha ommok." Qallu biex ihallih bi kwietu u biex ma jitliflux mohhu. Izda dan Frendo baqa' ghaddej biha jigifieri warajh huwa baqa' b'rasu baxxuta izda hass li kien qed jinsulentah b'ommu li kienet ilha mejta sentejn biss. Imbaghad qabad u kelmu hazin ukoll. Dan Frendo baqa' jipprovokah. X'hin wiehed mill-haddiema sema dan id-diskors qabzitlu, qabad cone tal-plastic u tah daqqa biha u waqa mal-art. Dan rega qam u baqa'

sejjer biha. Beda jindirizza lilu specjalment. Qal li kull fejn ikun hemm l-akkuzat ikun hemm il-perikolu ghaliex dan ma jrid jghamel xejn. Kompla joffendih u jkelmu hazin. Qal li huwa ' Ala z.. minnu ghax ma jhalsux hu." Dak il-hin la kelmu la hares lejh xejn. Dawwar rasu qabad lil Sean u komplew jghabbu il-cones. Mistoqsi jekk kienx hu li ha l-akkuzat hazin appena rah mill-ewwel u mhux kelmu hazin wara li gie provokat jghid li mhux minnu.

**Ikkunisdrat:**

Illi l-akkuzat qed jghid li hemm diskrepanza fix-xhieda migbura u cioe kunflitt f'dak li qalu x-xhieda tal-prosekuzzjoni'. Din il-Qorti ma taqbilx ma din l-asserzjoni u dan ghaliex fil-fatt li xhud ma jixhidx b'mod ezatt bhal xhud ta' qablu ma jfissirx li huwa qed jixhed b'mod konflingenti. Kull xhud jixhed skond dak li ikun ra hu u li sema hu u ghalhekk jista jghati l-kaz li mhux kull verzjoni tkun identika pero in mertu in sustanza x-xhieda tal-prosekuzzjoni qalu l-istess haga u cioe li kien l-akkuzat appellant li aggredixxa lil Charles Borg u insulentah u ingurjah b'ommu li kienet mejta.

Illi ghalhekk qabel xejn kollox jiddependi fuq il-kredibilita tax-xhieda. Illi din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** [2]fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet u cioé jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

---

[2] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** [3]qalet hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.*

Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** [4], il-Qorti qalet:-

*"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx" (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino**[5]."(*Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et**[6] , **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fene**ch[7] , **Il-Pulizija vs.Mohammed Mansur Ali**[8], **Il-Pulizija vs. Mario Pace**[9] u **Il- Pulizija vs. Hubert Gatt**[10].

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** [11] il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrieh fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel*

[3] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012,
[4] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003
[5] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 t' Ottubru 2006
[6] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2012.
[7] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2012
[8] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl- fl-24 ta' Jannar 2013
[9] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Frar 2013
[10] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil- 31 ta' Ottubru 2013.
[11] Moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013

*prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Kif tenniet ukoll din il-Qorti diversament komposta fid-decizjoni moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Magri** [12] meta qalet :- "*Kif tajjeb osserva l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu, xhud wiehed jekk emnut, huwa bizzejjed biex iwassal ghal sejbien ta' htija (art. 638 (2) Kap. 9) pero' hemm certa regoli x'jigu osservati qabel il-Qorti ma tkun tista' titfa l-piz kollu ta' kredibilita' fuq dak ix-xhud. Fosthom hemm l-imgieba, l-kondotta w il-karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ixxiehda ghandix mis-sewwa jew ihiex konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda w jekk ihiex imsahha minn xiehda ohra w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz (art. 637 Kap. 9).*"

Jinghad li fl-ewwel lok l-akkzuat appellant gie akkuzat bil-kontravenzjoni kif disposta lf-artikolu339 ( 1) (e) li tipprovdi li l-akkuzat qabad u insulenta hedded u ingurja bi kliem jew mod iehor lil charles ( Carmelo ) Borg. Mhemmx dubbju mix xhieda li semghet din il-Qorti l-akkzuat qal kliem ta ingurja fir-rigward ta ommu l-kwrelant Charls Borg meta qallu " F..ommok dik il-mejta li mietet bil-amrd li kellha." Din zgur li tammota ghal ingurja u offiza lejn il-persuna tal-kwrelanti li jisma xi hadd jinsulentalu l-ommu li hija mejta u dan ghall-ebda raguni ta xejn anzi meta l-akkzuat kien qd jonqos minn xoghlu li jaghti l-assitenza mehtiega fit-triq meta kienu qed isisru ix-xogholijiet.

Dwar it-tieni akkuza l-akkuzat hu akkuzat li jikser il-bon ordni u paci pubblika skond l-artikolu 33b(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[12] Moghtija mill-Qorti tal-appelli Kriminali nhar il-21 ta' Jannar 2011

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Busuttil** deciza fit-23 ta' Gunju 1994, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Bhala regola ikun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nniffsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-eghmil isehh, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b'rizultat dirett ta' dak l-eghmil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-eghmil.*
>
> *[…D]an ir-reat javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-Common Law Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace"*

Illi ndubbjament fl-agir u l-atteggjament litigjuz tal-appellant, kien hemm dan l-element ta' minaccja ghas-sigurezza individwali u nholoq ukoll certu biza' u preokkupazzjoni f'terzi tant li wiehed mill-haddiema tal-kwerelanti qabad cone tal-plastic u ta daqqa lill-akkuzat u spicca bil-proceduri fil-konfront tieghu proprju minhabba l-agir tal-istess akkuzat appellant. M'hemmx dubju li din l-akkuza kontravenzjonali tirrizulta fil-kaz odjern.

L-appellant appella ukoll mill-piena imposta u cioe mill-conditional discharge li inghata.

Din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta hlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew jekk tkun sproporzjonata u manifestament eccessiva fic-cirkostanzi. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb'**[13]:

---

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007)

*'Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil- parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"***[14]*,* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"***[15] *u ohrajn.)'* (Id-dati tas-sentenzi citati jinsabu aktar l'isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi'**[16]: il-Qorti kkunsidrat li;-

*'Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal- ligi jew tkun manifestament eccessiva.'* Madankollu, il-Qorti f'dak il-kaz qieset ic-cirkostanzi partikolari u ddecidiet li *'stante n-novita' tal-kaz in ezami w peress li l- appellant seta' genwinament kellu l-impressjoni li quod bikes ma ghandhomx bzonn licenzja biex ikunu fuq it-triq u li ma ghandhomx bzonn ikollhom kopertura ta' asskurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi, din il-Qorti thoss li hemm raguni specjali biex il-periodu tas-sospensjoni w skwalifka tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant jigi imnaqqas.'*

Illi l-Qorti rat li l-piena moghtija taqa fil-parametri tal-ligi u hija proprju de

---

[14] Deciza fl-14 ta' Gunju, 1999
[15] Deciza fl-24 ta' April, 2003
[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2009 (Appell Kriminali numru: 400/2009)

minimis li setghet tinghata u ghalhekk zgur li ma thosx li ghandha ghalfejn tbidel il-piena moghtija.

Dwar il-garanzija moghtija mill-ewwel Qorti ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta favur il-kwerelant din il-Qorti thoss li hija proprju garanzija li timmerita li tinghata lill-kwerelant specjalment meta tara li din m'hiex l-ewwel darba li l-partijiet kellhom xi jghidu u ghalhekk din il-Qorti qeghda tikkonferma kemm is-sentenza fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perijodu ta' sena millum.

Qeghda ukoll tikkonferma l-garanzija moghtija ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perijodu ta' sena millum taht penali ta' €2000 f'kaz li jingurja lil parte civile f'dan l-istess perijodu.

Ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti wissiet lill-appellant bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti kontravenzjoni ohra waqt il-perijodu tal-liberta kundizzjonata.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur